MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2009

Numru 910/2008

**Il-Pulizija**
**Sp Michael Mallia**
**vs**
**Gordon Formosa**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Gordon Formosa ta' 24 sena iben Nazzareno u Marion nee' Busuttil mwieled Pieta fl-20 ta' Dicembru 1983 u residenti 'Gormarran' Triq in-Nevew Zabbar, ID 96484M.**

**Akkuzat talli fil-Kalkara fis-sena 2006 flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe l-istatwa ta' Kristofru Kolombu sitwata fil-fond 'Rinella Movie Park', liema hsara tiskorri l-1165 Euro u li saret ghad-detriment ta' Malta Film Studios u jew persuni ohra.**

**Rat l-atti kollha tal-process inkluz l-istqarrija maghmula mill-imputat u kif wkoll id-dokumenti l-ohra illi kienu pprezentati llum seduta stante, Dok TZ1, TZ2, TZ3 u TZ4.**

**Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat ghal din l-imputazzjoni u ghal daqstant din giet ppruvata skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 325(1a) tal-Kap 9 qed issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontrieh izda flok tikkundannah qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien tliet snin millum. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem semplici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------